# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 78, miżmuma nhar 20 ta' April 2017, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fit-tmienja ta' filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Anton Mifsud | Mtarfa LC | President |
| Maria F Deguara | Naxxar LC | Viċi-President |
| Giljan Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| Emvin Bartolo | Mellieħa LC | Membru |
| Ivan Bartolo | Mosta LC | Membru |
| Sando Azzopardi | Dingli LC | Membru |
| Raymond Lanzon | Pembroke LC | Membru Sostitut |
| Charles Azzopardi | Rabat LC | Membru |

- Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| Graziella Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| Peter Sant Manduca | Mdina LC | Member |
| Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| Mary Anne Abela | Swieqi LC | Membru Sostitut |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Korrispondenza;
5. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
6. Hwejjeġ oħra:
    a. Preżentażjoni tal-Financial Accounts
    b. **Tenders**
7. Aġġornament.

Il-Laqgħa nfetħet miċ-Chairman Anton Mifsud.

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lil membri tal-attendenza.

## 1. Qar ta' Appologiji

Is-sinjuri Paul Vella, Graziella Galea, Peter Sant Manduca u Mary Ann Abela kienu skuzati.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 77 miżmuma fl-20 ta' April 2017, ittieħdu bħala moqrija. Ivan Bartolo ippropona li jkunu approvati. Issekonda Giljan Aquilina. Il-minuti kienu approvati mill-membri kollha unanimanet.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

Sandro Azzopardi saqsa jekk ir-*roving* Library Proposals kinetx ġiet aċċettata. Il-President Anton

Mifsud wieġeb li din kienet proposata u is-segretarju ezekutiv qed jiġbor informazjoni fuq din il-proposta.

Anton Mifsud saqsa jekk kienx hemm xi informazjoni ġdida fuq l-attivitajiet li ser isiru fir-Regjun għal V18. Talab lis-Segretarju ezekuttiv jerġa jikteb lis-Segretarju Parlamentari Bountempo rigward l-attivitajiet. Is-segretarju Ezekuttiv spjega li skont Marcon Caruana (tal-V18), hemm 22 attivita li ser tittella fir-Reġjun tat-Tramuntana. Il-president tenna li huwa jixtieq jara lir-Regjun itella' l-attivitajiet tiegħu stess.

## 3. Komunikazzjoni mill-President

Il-President Anton Mifsud informa lil-membri li bl-għajnuna ta' AKL, Paul Vella kien tella' jirraprezenta lir-Reġjun għall-konferenza tal-Proġett Cense. Il-President kien talab lil membri min jixtieq u jista jattendi.

Il-president tal-AKL is-Sur Marc Sant kien irrezenja u minflok kien tela' is-Sur Mario Fava, pero dan ma kiex għadu ikkonfermat.

## 4. Korrispondenza

Presentazjoni ta' l-ESC plan. Is-segretarju ezekutiv poġġa fuq il-mejda l-Economic, Social and Cultural plan, hekk kif imfassal mill-kumpanija Artifklex, u talab lis-sur Justin Attard, il-koordinatura tal-kumpanija Aritflex biex jispjega r-rapport lil-mejda. Is-Sur Attard ta spjegazjoni ħafifa fuq ir-rapport, spjega li l-proposti fiħ kienu ġenerici u wieħed irrid issostnijhom iktar skont il-lokaita. Spjega wkoll il-bzonn ta' studju demografiku fuq ir-Regjun, sabiex tinġabar l-informazjoni neccesarja sabiex il-programmi imtella' ikunu qed jindirizzaw il-bzonnijiet tac-cittadini diversi tar-Regjun. Saru diversi mistoqsijiet mill-membri, u s-segretarju ezekutiv spjega li ser jgħaddi kopja lil kull membru sabiex din tiġi diskussa sew fil-laqgħa li jmiss.

Il-president Anton Mifsud ippropona li dan ir-rapport ikun approvat. Giljan Aquilina issekonda il-możżjoni. Il-membri qablu ma dan ir-rapport u talbu lis-segretarju biex jippreżentah lid-



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

dipartiment. Proposti possibli jinkludu:

- Incentivi għal Hanging Gardens – fejn ir-residenti isibu mal-faċċati, pjanti sabiex tizdied il-footprint ta veġetazjoni li tippromovi arja nadifa
- Energy saving lights fit-toroq
- Coordinament ta’ l-edukażżjoni mal-Kunsilli
- Panelli Voltaici f’parkeġġ u spazji kbar, per eżempju Lidl u Pama

Attivitajiet Kulturali

Maria Deguara issuġġerit lir-Reġjun jikkordina iktar l-attivitajiet kulturali, u dawn jinħadmu iktar flimkien, speċjalment jitqassmu iktar matul ix-xhur kollha. Hija issuġġerit li għandha titella attivita f’kull xahar tas-sena, u b’hekk ikun hemm l-attivitajiet imqassam matul is-sena. Il-President Mifsud issuggerixxa lir-Reġjun jippublika ktejjeb fuq l-attivitajiet kulturali tar-Reġjun. Is-segretarju Eżekutiv ser jitlob lill-Kunsilli biex jiprovdu l-informażżjoni fuq l-Attivitajiet kulturali lokali. Dawn għandhom ikunu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

Budget: Is-segretarju Eżekutiv ressaq fuq il-mejda budget għar-Reġjun ibbasat fuq il-ħtiġijiet reġjonali jekk ikun hemm il-fondi biex ikunu jistaw jittellaw numru ta’ inizjattivi hekk kif spjegat fid-dokument. Dan ser ikun qed jintbagħat bl-emajl. Dan tressaq ukoll għand id-dipartiment.

Talba ta’ Refuzjoni tal-bonus tal-ħaddiema tal-RSS

Is-segretarju preżenta lil mejda ittra li kien ircieva minghad il-kumpanija RSS, fejn ir-Reġjun kien qed jintalab iħallas is-somma ta’elf Ewro – li kien il-bonus tas-supervisor. Skont kif kien qal is-sur Adrian Mifsud fil-laqgħa mizmuma xi xhur ilu mar-Reġjun, din it-talba ma kelliex titħallas, fil-fatt is-segretarju eżekutiv kien baghat it-talba lid-dipartemnt għall-gwida fuq din il-materja.

Call Centre Proposal

Is-segretarju esekutiv ressaq proposta ta’ Call Centre ibbazata fuq il-proposta tas-Sur Paul Gatt President ta’ Ansek u Segretarju Eżekutiv tan-Naxxar, tali proposta kienet mitkellma fil-laqgħa mizmuma ġewwa il-Mosta fi Frar li għadda, waqt il-laqgħa mas-segretarju parlamentari. Il-membri preżenti qablu mal-proposta, u talbu lis-segretarju eżekutiv jibgħata lill-Kunsilli individwali sabiex tkun diskussa mill-istess kunsilli.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 5. Approvazzjoni tal-Pagament

Is-segretarju Eżekutiv preżenta l-iskeda tal-pagament numru 79, fejn fija kienu miġbura il-pagamenti dovuti lill-Pulizija u lill-Prosekutur. Il-membri kollha tennew il-posizzjoni milħuqa xhur ilu li l-ebda pagament direttament relatat mal-operazzjoni tal-Lesa ma għandu jitħallas sakemm il-Lesa tibda tħallas lura l-ispejjes tar-Reġjun, hekk kif kien miftihem. Għaldaqstant, il-membri kollha proponow u issekondaw il-możżjoni li skeda 79 tkun mizmuma u ma titħallasx.

Is-segretarju Eżekutiv preżenta ukoll l-skeda tal-pagament numru 78. Raymond Lanzon ippropona, u Charles Azzopardi issekonda li tkun approvata. Il-membri qablu li skeda tkun approvata.

**Affarijiet ohra**

Identita reġjonali

Anton Mifsud semgħa d-diskors li kellu mas-surmast Decelis, fejn tittella attivita' bejn l-iskejjel tal-lokalitajiet tar-Reġjun.

(Maria Deguara kellha titlaq f'945pm)

L-isħubija tar-Reġjun fil-Euro med Cities Network ser tkun diskussa fil-laqgħa li jmiss.

Proġett ewropew EasyWaterfront. Il-Member id-diskutew il-partecipazjoni tar-Regjun fil progett easyWaterfront u qablu li ir-Reġjun għandu jissieħeb, għaldaqstant, is-segretarju eżekutiv għandu jikteb lil project leader u jinfurmah li r-Reġjun jinteressah ikun membru f'dan il-progett.

Dan kien propost minn Antion Mifsud, u issekondat min Charles Azzopardi, il-membri qablu kollha.

Xiri ta’ għodda

Is-segretarju Esekutiv talab lill-membri biex jinxtraw xi għodda ta l-idejn għal ħaddiema. Il-Lidl kellu offerta speċjali fuq biċċtejn għodda fil-jiem li ġejjin. Il-membri kollha aparti is-sur Sandro Azzopardi qablu li tinxtara din l-għodda għall-ħaddiema.

Street Light Programe Manager

Is-segretarju eżekutiv spjega li wara korrispondenza mad-dipartiment, ħareġ, li ħlas ta’dan il-programm kien imur kontra ir-regoli finanzjari, u kien hemm bżonn jinħareg tender ġdid għal dan il-programm, minħabba li dak eżistenti kien ilu li skada. Anton Mifsud ippropona li SPLM ikun użat minn dawk il-membri li jridu juzawh u dawk li ma jixtiequx, ma juxzawhx. Is-segretarju Eżekutiv għandu joħrog mill-ġdid tender biex dan il-programm jerġa jkun regolizzat taħt tender ġdid. Il-membri kollha aparti Pembroke u Ħad Dingli kienu urew li iridu juzaw dan il-programm. Jidher pero li Pembroke kien qed juzah. Ir-Rappreżentant ta’ Pembroke, is-Sur Raymond Lanzon, kien ser jiċċekja fuq dan u jagħti risposta lura lir-Reġjun. Is-Sur Sandro Azzopardi tenna li Ħad-Dingli ser jibqa barra minn dan il-programm għalissa.

L-access ta’ dawk il-Kunsilli li ma jużawx il-programm għandu jkun magħluq.

Emvin Bartolo, Ġiljan Aquilina u Ivan Bartolo issekondaw il-możżjoni tal-President Mifsud. Il-membri qablu ma’ din il-proposta.

Deputat segretarju Eżekutiv

Is-segretarju Eżekutiv talab lil membri jappuntaw deputat segretarju eżekutiv. Il-membri iddiskutew il-proposta, izda iddecidew li għalissa ma jappuntaw lill-ebda persuna.

## Aġġornament.

Il-Laqgħa ntemmet fl-għaxra u nofs ta’ filgħaxija.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun f’ Mejju, fi 19.30 hrs.

Anton Mifsud
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum ...12 ta’ Ġunju 2017



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt